# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017**

**Numru: 2**

**Rikors Numru: 1049/07 SM**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**v.**

**Mare Blu Tuna Farm Limited**

**<u>Il-Qorti</u>:**

Rat ir-rikors ġuramentat li l-Awtorità ressqet fl-10 ta' Ottubru, 2007, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-intimata Mare Blu Tuna Farm Limited għandha tagħti lill-Awtorità Marittima ta' Malta s-somma totali ta' wieħed u erbgħin elf u sebgħa u tmenin lira Maltija u ħames ċenteżmi (Lm41,087.05, ekwivalenti għal €95,707.08), bilanċ minn ammont akbar konsistenti fi drittijiet tal-port (*port dues*), inklużi drittijiet ta' rmiġġ (*berthage dues*), ħlasijiet rigward l-immanniġjar ta' skart iġġenerat minn bastimenti (*ship*

*generated waste management fees*), *on call* u *ship conference fees*, kif ukoll drittijiet ai termini tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port. L-ammont imsemmi jirriżulta mill-i*statement of account* datat 17 ta' Settembru, 2007 anness bħala **dok A**.

"2. Illi l-imsemmija drittijiet tal-port jirrigwardaw faċilitajiet mogħtija lill-intiata li ġew ipprovduti u rekati fuq talba tal-istess intimata.

"3. Illi l-initmata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammonti dovuti, fosthom permezz ta' ittra legali tas-6 ta' Marzu, 2007 (**Dok B**) u ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru, 2007 (**Dok Ċ**).

"4. Illi l-intimata ħallset biss parti mill-ammont li kien dovut dak in-nhar u sussegwentement anke inħarġu fatturi oħrajn lill-intimata, b'tali mod li għad fadal x;jitħallsu l-bilanċi fuq imsemmija.

"5. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-Awtorità rikorrenti l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra l-ħlas tal-imsemmi ammont.

"Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tisma' u tiddeċiedi skont it-talba bid-dispens tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u:

"(i) Tiddikjara li l-intimata Mare Blu Tuna Farm Limited hija debitriċi tal-Awtorità rikorrenti fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf u sebgħa u tmenin lira Maltija u ħames ċentemżmi (Lm41,087.05, ekwivalenti għal €95,707.08), bilanċ minn somma akbar konsistenti fi drittijiet tal-port (*port dues*), ħlasijiet rigward l-immaniġjar ta' skart iġġenerat minn bastimenti (*ship generated waste management fees*), *on call* u *ship conference fees*, kif ukoll drittijiet ai termini tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port.

"(ii) Tikkundanna lill-intimata Mare Blu Tuna Farm Limited tħallas lill-Awtorità rikorrenti l-imsemmija somma ta' wieħed u erbgħin elf u sebgħa u tmenin lira Maltija u ħames ċenteżmi (Lm41,087.05, ekwivalenti għal €95,707.08).

"Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittra legali tas-6 ta' Marzu, 2007 u tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru, 2007, bl-ispejjeż legali inkorsi fir-rigward tal-pretensjoni tar-rikorrenti u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

"Illi s-soċjetà ntimata teċċepixxi dan li ġej:

"1. Illi preliminarjament s-soċjetà ntimata m'hijiex il-leġittimu kontardittur f'dawn il-proċeduri stante illi Mare Blu Tuna Farm Limited qatt ma talbet jew uzat is-servizzi ndikati mill-Awtorità rikorrenti. Is-soċjetà ntimata tagħmel riferenza għad-dokument, ippreżentat mill-Awtorità rikorrenti, mmarkat bħala Dok A, li huwa '*statement of account*' indirizzata lill-Mare Blu, liema soċjetà b'dik l-isem hija ineżistenti. Illi għalhekk l-Awtorità rikorrenti assumiet, b'mod żbaljat, li s-soċjetà li għandha tiġi ntimata f'dawn il-proċeduri hija Mare Blu Tuna Farm Limited;

"2. Illi bla preġudizzju għas-suespost t-talbiet tal-Awtorità rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stnte illi l-ħlas għal servizzi varji fil-port il-kbir qed isir lil Valletta Gateway Terminal Limited (VGT) u dan skont ftehim li hemm bejn is-soċjetà ntimata u l-VGT (Dok MB 1);

"3. Illi t-talbiet għal ħlas għal sevizzi ndikati f'paragrafi numru wieħed (1) m'humiex dovuti, dan għaliex l-ġestjoni tal-postijiet li tuża s-soċjetà nitmata għaddew f'idejn il-VGT. Illi dawn il-postijiet huma: Deep Water Quay, Lab Wharf u Magazine Wharf. F'dawn il-postijiet il-VGT tipprovdi diversi faċilitajiet fosthom faċiltajiet ta' irmiġġ u servizzi oħra lis-soċjetà rikorrenti. Għalhekk:

"(a) Għal dak li jirrigwarda rmiġġ s-soċjetà ntimata tagħmel riferenza għar-Regolamenti tal-2005 dwar Drittijiet għall-rimigg, speċifikament regolament 3 (i) (Dok MB 2) li jistipula li d-drittijiet ta' rmiġġ ma japplikawx għal '***bastiment li jħallas, għal użu ta' irmiġġ, skont ma jkun stabbilit jew bi provvidementi leġislattivi oħra jew b'arranġamenti u pattijiet milħuqin u approvati mill-Awtorità.***' Illi meta l-Gvern Malti għadda f'idejn il-VGT il-ġestjoni ta' partijiet tal-Port il-Kbir, ir-Regolament hawn fuq imsemmi waqaf japplika fejn hemm ġestjoni min-naħa tal-VGT.

"(b) Illi l-istess għandu japplika għal dak li jirrigwarda drittijiet tal-port;

"(c) Illi għal dak li jirrigwarda mmanniġjar ta' skart iġġenerat minn bastimenti, l-Awtorità rikorrenti, qatt ma pprovdiet servizzi f'dan is-sens lis-soċjetà ntimata. Is-soċjetà ntimata tagħmel riferenza ukoll għal regolament 9 tar-Regolamenti dwar Faciliajiet Portwali fejn jintlaqa' skart iġġenerat mill-Bastiment u

residwi tal-Merjkanzija (Dok MB 3, li jistipula li bastimenti tas-sajd bhal dak tas-soċjetà ntimata huma eżenti minn ħlas għal skart iġġenerat minn bastimenti;

"(d) Illi għal dak li jirrigwarda servizzi ta' *call* u *ship conferences fees*, is-soċjetà ntimata qatt ma uzat dawn is-sevizzi;

"4. Illi għal dak li irrigwarda t-tieni (2) paragrafu m'huwiex minnu li s-soċjetà ntimata kienet talbet dawn il-faċilitajiet mill-Awtorità rikorrenti;

"5. Illi s-soċjetà ntimata taqbel mat-tielet paragrafu (3), pero` dejjem irrispondiet fis-sens illi l-ħlasijiet għal faċilitijiet kif deskritti mill-Awtorità rikorrenti, kienu qegħdin jiġu mħallsa lill-VGT, li qeghdin jiġġestixxu l-partijiet tal-port li qed tuża s-soċjetà ntimata, għalhekk is-soċjetà ntimata, għalhekk is-soċjetà ntimata dejjem sostniet li jekk isir ħlas lill-Awtorità rikorrenti jkun qed isir ħlas doppju.

"6. Illi meta s-soċjetà ntimata talbet lill-Awtorità rikorrenti sabiex tiġġustifika l-kontijiet tagħha, is-Sur CV Schembri sostna permezz ta' ittra datata 13 ta' April 2007 li *"It is pertinent to point out that the Malta Maritime Authority is responsible for general and routine as well as extraordinary repairs to wharves and quays managed by the Valletta Gateway Terminals. In these regards ships berthing at such facilities are subject to the Berthing Fees raised by MMA."* (Dok MB 4) Filwaqt s-soċjetà VGT sostniet li s-sevizzi tagħha huma '*Security and Administration Fee*' (SAF), pero` fis-sustanza huma l-istess servizzi li qegħdin jitolbu l-ħlas taghħom l-Awtorità rikorrenti (Dok MB 5).

"7. Għal dak li jirrigwarda r-raba' (4) paragrafu s-soċjetà ntimata ssostni li ħallset dak li huwa verament dovut li huma ħlasijiet għal '*mooring*' '*pilotage*'.

"8. B'riżerva għal eċċezzjonijiet oħra;

"Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi, kompriżi dawk tar-risposta tal-ittra uffiċjali."

Rat illi b'verbal reġistrat fit-3 ta' Ġunju, 2009, l-Awtorità attriċi irriduċiet it-talba għal €87,547.34 flok €95,707.08, l-ekwivalenti ta' dak mitlub oriġinarjament;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru, 2012, li in forza tagħha iddeċidiet il-kawża billi

> "… … … filwaqt li takkolji r-risposti l-ohra sollevati mis-socjetà ntimata, tirrespingi l-ewwel risposta preliminari tas-socjetà ntimata flimkien mat-talbiet kollha tal-Awtorità rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorità rikorrenti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:
>
> "1. Illi l-ammont kif ridott mill-istess Awtorità rikorrenti hu allegatament dovut lilha mis-socjetà ntimata ghar-ragunijiet kif sintetikament minnha espressi fir-rikors guramentat promotur, u dan, a bazi tal-istess "*statements of account*" minnha pprezentati in atti fuq già citati;
>
> "2. Illi jidher anke mix-xhieda ta' persuna nkarigata mill-"*executive bill section*" tal-Awtorità rikorrenti fid-depozizzjoni tieghu tat-13 ta' Mejju, 2008, (ara fol 93), li l-lanjanza principali tas-socjetà ntimata kienet li l-hlas minnha mitlub mill-Awtorità rikorrenti kienu già qieghed jithallas lis-socjetà Valletta Gateway Terminal Limited, is-socjetà li l-istess Awtorità rikorrenti kienet hi stess ghaddiet il-gestjoni tal-bicca l-kbira tal-Port il-Kbir f'idejha;
>
> "3. Illi ghalhekk il-kontenzjoni principali tas-socjetà ntimata tista' principalment tigi sintetizzata fil-fatt li qed tallega li hawn qed tigi mgieghelha thallas ghal servizzi li già hallset ghalihom lis-socjetà li effettivament qed tiggestixxi l-Port il-Kbir minflok l-Awtorità rikorrenti;
>
> "4. Illi din l-offerta tas-servizzi li taghha l-Awtorità rikorrenti qed titlob il-pagamenti in dizamina jirrizulta li jinghataw minflok mhux min din l-Awtorità izda mis-socjetà gestanti l-facilitajiet tal-Port il-Kbir maghrufa bhala Valletta Gateway Terminal Limited, kif jirrizulta mix-xhieda tal-"*company administrator*" prodotta, (ara fol 133 et sequitur) u li taghhom tesigi l-pagament pre-stabbilit;
>
> "5. Illi l-Awtorità rikorrenti hi nfurmata b'din ir-relazzjoni bejn is-socjetà gestanti l-Port il-Kbir indikata fil-paragrafu precedenti u s-socjetà ntimata, (ara fol 136);

“6. Illi l-Awtorità rikorrenti timponi pagamenti differenti;

“Ikkunsidrat:

“Illi sintetikament is-socjetà ntimata ssostni s-segwenti:

“1. Illi hi kienet ikkonkludiet ftehim mas-socjetà gestanti l-Port il-Kbir minflok l-Awtorità rikorrenti – senjatament il-Valletta Gateway Terminal Limited – rigwardanti l-irmigg fl-istess Port;

“2. Illi fil-lokalitajiet uzati mis-socjetà ntimata hi biss din is-socjetà gestanti l-Port indikata fil-paragrafu precedenti li tipprovdi l-facilitajiet meritu tal-vertenza odjerna;

“3. Illi din ir-relazzjoni bejn is-socjetà ntimata u dik gestanti l-port fuq indikata hi a bazi ta’ kuntratt regolarment konkluz, u dan, a bazi tal-klawsola 1 (a), (ara fol 41 u 147);

“Ikkunsidrat:

“Illi tenut kont tas-suespost jista’ jigi sottolineat is-segwenti:

“1. Illi r-relazzjoni bejn l-Awtorità rikorrenti li hi biss awtorità regolatrici u dik kummercjalment responsabbli ghall-gestjoni tal-Port il-Kbir ma tidhirx li hi relazzjoni limpida fejn ta’ l-ewwel hi biss generikament regolatrici u tat-tieni, attwalment u esklussivament gestatrici;

“2. Illi tali stat konfuzjonarju johloq incertezza fir-relazzjonijiet li jistghu jinholqu u ghalhekk ikun ta’ detriment ghall-amministrazzjoni serja u trasparenti tal-gid komuni fdat f’idejhom;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà ntimata ghandu sintetikament jinghad biss li nonostante dan, l-istess socjetà ghazlet li taffronta l-procedura in dizamina u ghalhekk, permezz tal-azzjonijiet taghha fir-rigward tirrizulta li in effetti hi stess irrinunzjat din l-eccezzjoni minnha stess sollevata billi affrontat il-kaz “*a viso aperto*”;

“Illi ghalhekk din il-qorti tinterpreta din l-istess pozizzjoni bhala ekwivalenti ghal rinunzja effettiva tal-istess eccezzjoni preliminari sollevata u konsegwentement qed tikkondisraha daqs li kieku giet irtirata;

“Ikkunsidrat:

“Illi del resto, mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:

> “1. Illi l-Awtorità rikorrenti jidher li hi wahda regolatrici li ghaddiet id-drittijiet amministrattivi u ta’ gestjoni li qabel seta’ kellha fil-gestjoni tal-Port il-Kbir lil socjetà privata li bdiet tamministra l-Port minflokha;
>
> “2. Illi ghalhekk kellha tkun din is-socjetà privata fuq indikata li se mai, kellha l-obbligu li tintavola xi azzjoni fir-rigward;
>
> “3. Illi mill-bqija ma jirrizultax a sodisfazzjon ta’ din il-qorti li l-Awtorità rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi fil-konfront tas-socjetà ntimata stante li l-“i*statements*” minnha esebiti wehidhom ma jikkonsolidawx legalment it-talbiet minnha postulati meta dawk ikunu konfrontati mal-assjem tal-provi l-ohra prodotti;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorità attriċi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta’ Ottubru, 2012 fl-ismijiet fuq ċitati billi filwaqt li tikkonferma l-imsemmija sentenza safejn din irrespinġiet l-ewwel risposta preliminari tal-kumpanija konvenuta appellata, tħassarha safejn akkoljiet ir-risposti l-oħra u irrespinġiet it-talbiet tal-Awtorità attriċi u minflok tiddeċiedi billi tiċħad ir-risposti kollha sollevati mill-konvenuta appellata u tilqa’ t-talbiet tal-Awtorità appellanta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawża, l-Awtorita attriċi qed titlob ħlas għal drittijiet tal-port ghal servizzi li ġew utilizzati mis-soċjetà konvenuta  Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta eċċepiet li hi mhix il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi, iżda din l-eċċezzjoni preliminari ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti, u minn din il-parti tas-sentenza ma tressaq ebda appell.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll illi, f'kull każ, ma hemm ebda ħlas dovut għas-servizzi lilha reżi.

L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni prinċipali tas-soċjetà konvenuta li l-Awtorità attriċi hija biss ir-regolatur tal-port, bis-servizzi, pero`, jiġu reżi mis-soċjetà Valletta Gateway Terminals Ltd. li hi intitolata, allura, li tiġbor hi l-ħlas għas-servizzi reżi.  Fil-meritu qalet ukoll li l-Awtorità attriċi ma pprovatx il-każ tagħha.

Mis-sentenza appellat is-soċjetà attriċi li ressqet aggravji fil-konfront taż-żewġ materji deċiżi mill-ewwel Qorti.

Trattat l-ewwel punt, li hi l-materja verament diskussa mill-ewwel Qorti, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Awtorità appellanti illi kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, il-kumpanija Valletta Gateway Terminals Ltd. ma tiggestix il-port.  Din hija kumpanija li tieħu ħsieb il-ħatt u tagħbija tal-merkanzija minn u għal fuq il-bastiment, cioe`

dak ix-xogħol li preċedentement kien isir mill-kumpanija The Cargo Handling Co. Ltd. Dan tikkonfermah Doreen Curmi, rappreżentant ta' Valletta Gateway Terminals Ltd., illi ddiskreviet il-kumpanija bħala li hi "*prinċipalment cargo handling company*". Bħala tali għandha l-użu ta' xi partijiet mill-port, pero`, dan ma jagħmilx minnha kumpanija li tiġġestixxi l-port. Din il-kumpanija ma għandha ebda dritt tiġbor ħlas għall-irmiġġ. Id-"drittijiet ta' rmiġġ" li tagħhom l-Awtorità qed titlob ħlas huma stabbiliti mil-liġi, senjatament fir-"Regolamenti dwar Drittijiet ta' Rmiġġ", illi sa mill-1 ta' Mejju, 2010 saru jissejħu Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Rmiġġ u Ankraġġ (l-avviż Legali 174 tal-2005 kif emendat). Din hija tariffa imposta mir-Regolamenti msemmija illi ma tapplikax biss għal irmiġġ fil-port imma anke għall-irmiġġjar f'inħawi oħra tal-ibħra territorjali Maltin, ngħidu aħna fuq ankraġġi barra l-port. Dan jirriżulta mir-Regolamenti msemmija u ġie ikkonfermat mix-xiehda tal-Awtorità. It-tariffa titħallas lill-Awtorità.

Illi ai termini tal-istess avviż legali:

> "dawk id-drittijiet għall-irmiġġ ma japplikawx għal bastiment li jħallas, għal użu ta' irmiġġ, skont ma jkun stabbilit jew bi provvidementi leġislattivi oħra jew b'arranġamenti u pattijiet milħuqin u approvati mill-Awtorità."

L-argument tal-konvenuta appellata huwa proprju illi hija m'għandhiex tħallas drittijiet ta' rmiġġ għaliex hija qed tħallas tali drittijiet lil Valletta

Gateway Terminals Limited ai termini ta' ftehim li għandha mal-istess kumpanija.

L-Awtorità, pero`, ma hijiex parti fil-ftehim eżebit minn Mare Blu Tuna Farm Limited. Barra minn hekk qatt ma ntalbet illi tapprova l-istess ftehim. Dan jirriżulta mix-xiehda ta' Doreen Curmi illi ikkonfermat illi Valletta Gateway Terminals Limited m'hijiex obbligata tagħti kopja ta' dawn il-kuntratti lill-Awtorità Għat-Trasport f'Malta u li "*dawn il-kuntratti ma ġewx mibgħutin lill-Awtorità".*

Fi kwalunkwe każ, skont l-arranġamenti illi għandha l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mal-kumpanija Valletta Gateway Terminals Limited din tal-aħħar qatt ma ġiet awtorizzata titlob ħlas ta' drittijiet ta' rmiġġ imma semmai dik li tissejjah *Security and Administration Fee* illi tkopri biss spejjeż ta' amministrazzjoni tat-terminal. Dan għaliex fil-każ tat-terminal fejn Valletta Gateway Terminals Limited toffri s-servizzi u faċilitajiet tagħha, l-Awtorità baqgħet responsabbli għal tiswijiet tal-mollijiet u għalhekk m'huwiex minnu, kif donnha trid timplika s-soċjetà konvenuta appellata u kif jidher li aċċettat l-ewwel Qorti, illi l-Awtorità ma baqgħalihiex x'taqsam ma' Deep Water Quay, Lab Wharf u Magazine Wharf.

Dan hu ikkonfermat minn diversi ittri esebiti u anke mill-istess Doreen Curmi li qalet li taf li hija l-Awtorità li tiġbor il-ħlasijiet għall-irmiġġ. Dan ġie stabbilit ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ fl-istess ismijiet (rikors 515/10) deċiż fis-17 ta' Settembru, 2007 (appell tas-soċjetà konvenuta minn din is-sentenza ġie dikjarat deżert minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru, 2016). F'din is-sentenza ingħad hekk fir-rigward:

> "Illi f'dan il-kuntest jingħad li jirriżulta li l-Awtorità attriċi ma hijiex parti mill-istess ftehim u għalhekk fil-konfront tagħha dan huwa inter alios acta. Dawn id-drittijiet jirriżulta li huma dovuti lill-Awtorità attriċi skont ir-Regolamenti dwar Drittijiet ta' Rmiġġ – Avviż Legali 174 tal-2005, u ma jitħallsux lill-istess Awtorità biss jekk skont l-Avviż Legali "… *id-drittijiet ta' irmiġġ ma japplikawx għal bastiment li jħallas, għal użu ta' irmiġġ, skont ma huwa stabbilit jew bi provvedimenti leġislattivi oħra jew b'arranġamenti u pattijiet milħuqin u approvati mill-Awtorità*".

Kif ingħad, għalkemm is-soċjetà konvenuta jidher li daħlet f'xi ftehim ma' Valletta Gateway Terminals Ltd., l-Awtorità ma hijiex parti mill-ftehim, u lanqas ma ġiet mitluba biex tagħti, jew tat, l-approvazzjoni tagħha għall-ftehim.

Is-soċjetà Valletta Gateway Terminals Ltd. għandha dritt tiċċarġja l-hekk imsejjaħ *Security and Administration Fee*, pero` mhux għall-irmiġġ li, skont il-liġi jrid jitħallas lill-Awtorità appellanti. Hu x'inhu l-ftehim bejn is-soċjetà konvenuta u l-kumpanija Valletta Gateway Terminals Ltd., dan bl-ebda mod ma jaffettwa d-dritt tal-Awtorità li tesiġi ħlas għall-irmiġġ. Il-ftehim li hemm bejn l-Awtorità appellanti u l-Valletta Gateway Terminals

Ltd., dwar l-użu ta' partijiet tal-port minn din l-aħħar imsemmija soċjetà, ma jagħtiha ebda dritt li tiġbor hi d-drittijiet għall-irmiġġ flok l-Awtorità.

Jekk is-soċjetà konvenuta għandha xi lment dwar pagament doppju, dan trid taraħ mas-soċjetà Valletta Gateway Terminals Ltd., u mhux mal-Awtorità li f'din il-kawża qed titlob ħlas ta' dak dovut lilha.

Fil-kuntest tal-Artikolu 9 tal-ftehim bejn l-Awtorità attriċi u Valletta Gateway Terminals Ltd., li fuqu tistrieh is-soċjetà appellata, Doreen Curmi, l-imsemmija rappreżentanta ta' din l-aħħar soċjetà, qalet li dan l-artikolu jitkellem dwar *berthing* u jagħti lis-soċjetà tagħha dritt li toffri din il-faċilità, iżda, kompliet tgħid: "*nafu li t-TM* (Transport Malta) *għandha dritt tiġbor berthage fees*". Fil-fatt, il-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu jgħid b'mod ċar li s-soċjetà imsemmija qed tirrikonoxxi d-dritt tal-Awtorità attriċi "*to charge fees in respect of ships berthing along the quays comprised in the concession area according to law*".

Dwar il-meritu tat-talbiet, li l-ewwel Qorti warrbet f'paragrafu wieħed, din il-Qorti tinnota li ma saritx kontestazzjoni vera u propria ta' dak mitlub mill-Awtorità. Dan ġie konfermat bil-ġurament u ikkorroborat bi *statements* minnha esebiti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru, 2012, u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti, iżda għall-ammont ridott ta' sebgħa u tmenin elf, ħames mija u sebgħa u erbgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€87,547.34).

L-ispejjeż kollha tal-kawża inklużi dawk in prim istanza, jitħallsu mis-soċjetà konvenuta Mare Blu Tuna Farm Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df